# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Illum nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru: 22**

**Citazzjoni numru: 17/2008/3**

**Judith Nicola Cordina**

**v.**

**Michaelangelo Cordina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenut preżentat fis-06 ta' Marzu 2020 u t-tweġiba tal-attriċi preżentata tal-14 ta' Mejju 2020.

Il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tordna referenza kostituzzjonali. Illum il-konvenut qiegħed isostni li ma kellux smigħ xieraq meta tikkunsidra li fil-qadi tal-inkarigu tagħhom il-perit ġudizzjarji:

i. Semgħu biss lill-attriċi meta fid-digriet tan-nomina kienu awtorizzati jisimgħu lill-konvenut, lil Rose Grech u l-minuri Michaela Cordina.

ii. Is-seduti saru bil-magħluq u għalhekk ma kinux miftuħin għall-konvenut u d-difensur tiegħu.

Biex isaħħaħ l-argument tiegħu l-konvenut għamel referenza għas-sentenza **Borg Ritchel Lotino vs Borg Edward** tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Frar 2020.

Il-Qorti tosserva kif:

i. Quddiem l-ewwel Qorti ma jirriżultax li l-attur qatt ilmenta dwar il-validita' tar-rapport tal-periti ġudizzjarji. Il-fatti li dwarhom jilmenta l-konvenut kienu magħrufin sew lilu u kellu kull opportunita' li jitlob l-intervent tal-Qorti qabel il-preżentata tar-rapport u wkoll wara.
ii. Il-Qorti tosserva kif saru numru ta' seduti quddiem l-ewwel Qorti qabel il-preżentata tar-rapport, fejn kien qiegħed jingħata update ta' x'qed jiġri. Fis-seduta tas-6 ta' April 2011 id-difensur tal-konvenut għarraf lill-Qorti li kienet saret seduta li fiha nstemgħet l-attriċi. Mill-verbal ma jirriżultax li l-konvenut ipprotesta għas-seduta li saret mill-periti ġudizzjarji. Imbagħad fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 il-Qorti kienet infurmata li l-periti ġudizzjarji lestew l-inkarigu tagħhom (fol. 256). Preżenti kien hemm ukoll id-difensur tal-konvenut. Għal darb'oħra ma saret l-ebda oggeżżjoni mill-konvenut dwar il-mod kif mexxew il-periti ġudizzjarji.
iii. Saħansitra l-konvenut għamel domandi in eskussjoni lill-periti ġudizzjarji.
iv. Permezz ta' nota preżentata fit-12 ta' Marzu 2013 (fol. 389) talab għan-nomina ta' periti addizzjonali. Talba li pero' ma baqax jinsisti fuqha (ara verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2014).
v. Fir-rikors tal-appell mhemmx aggravju dwar dak li llum qiegħed jilmenta dwaru l-konvenut.
vi. Il-konvenut ma ta l-ebda prova li qatt talab lill-periti ġudizzjarji sabiex jisimgħuh jew jisimgħu lil bintu minuri.
vii. Is-sentenza li għaliha għamel referenza l-konvenut m'għandha x'taqsam xejn ma' dan il-każ.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti m'għandhiex dubju li t-talba f'dan l-istadju għal referenza kostituzzjonali hi fiergħa.

**Għal dawn il-motivi tqis li t-talba hi fiergħa u għalhekk tiċħad l-istess bl-ispejjeż tal-provvediment kontra l-konvenut.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur

rm